# L-AĦBAR

PROVINĊJA FRANĠISKANA TA' SAN PAWL APPOSTLU, MALTA. No. 132 5. 3. 2008



## 60 sena presbiteri



Guido Schembri, OFM



Arthur Azzopardi, OFM

# B'salibek inti fdejtna

*Ritratt tal-kurċifiss li hemm fil-knisja ta' San Franġisk il-Ħamrun, waqt li bħalissa għaddej ix-xogħol taż-żebgħa..*

# Iċ-Ċelebrazzjonijiet Liturġiċi tal-Ġimgħa Mqaddsa

**Anton Farrugia ,OFM**

## Introduzzjoni

Biex niccelebraw tajjeb il-Gimgha Mqaddsa ahna u niehdu sehem fic-celebrazzjonijiet solenni li jikkaratterizaw din il-gimgha, rridu nifmhu l-ghana bla qies tal-fidi li tesprimi l-Liturgija ta' dawn il-granet gheziez. L-Ghid tal-Mulej infatti huwa l-qofol tal-fidi taghna ghax kieku Kristu ma qamx mill-imwiet, il-fidi taghna hija fiergha (*cf 1 Kor 15, 17*).

Il-Koncilju Vatikan II u r-Riforma liturgika li gab mieghu gibed l-attenzjoni taghna fuq ic-centralità li ghandu jkollu fuq kollox il-Misteru ta'l-Ghid. Ghalhekk kif il-gimgha tilhaq il-qofol taghha ta' kull nhar ta' Hadd, il-jum li fih niccelebraw gimgha wara l-ohra l-Ghid tal-Mulej, il-qofol tas-sena liturgika jintlahaq fic-celebrazzjoni tat-Tridu Mqaddes ta' l-Ghid ippreparat mill-40 jum tar-Randan li jigu qabel u mtawwal mill-50 jum ta'ferh li jigu wara sa *Pentecoste* meta jintemm iz-zmien ta' l-Ghid.

## Hadd il-Palm u l-Passjoni tal-Mulej

Il-Gimgha l-Kbira tibda' *Hadd il-Palm u l-Passjoni tal-Mulej*. Interessanti li dan huwa l-uniku Hadd fis-sena liturgika li fih tigi celebrata il-Passjoni madankollu f'rabta shiha mal-Qawmien ta' Kristu mill-imwiet. Ghaldaqstant id-dhul solenni ta' Gesù f'Gerusalemm jhabbar minn gimgha qabel ir-rebha ta'Kristu fuq il-mewt, filwaqt li r-rakkont tal-Passjoni jffakkarna fil-helsien taghna mid-dnub.

Ftit granet qabel il-Passjoni tieghu, Gesù jidhol Gerusalemm milqugh b'ghajjat ta'ferh. Il-purcissjoni li ghamilna dalghodu bil-frieghi tal-palm u z-zebbug f'idejna f'gieh Kristu Sultan, ghamlet prezenti l-laqgha taghna mieghu illum, hawnhekk fit-triq taghna. Wara kollox dan hu li taghmel il-liturgija, mhux semplicement tifkira ta' grajja li ghaddiet imma attwalizzazzjoni tal-misteru permezz tac-celebrazzjoni.

Il-purcissjoni bil-frieghi tal-palm jew taz-zebbug hija sinjal li jidher ta' l-ghaqda taghna ma' Kristu fil-mixja tieghu lejn il-kalvarju. Dan hu li jghinna nkomplu nifmhu l-qari tar-rakkont tal-Passjoni. Barra dan il-kuntest celebrattiv, il-frieghi jirriducu ruhhom biss f'superstizzjoni li m'ghandha x'taqsam xejn mal-fidi taghna fi Kristu!

## Hamis ix-Xirka

Hamis ix-Xirka hu l-ahhar jum tar-Randan u antikament filghodu kienet issir ir-Rikonciljazzjoni pubblika tal-penitenti li dakinnhar kienu jtemmu z-zmien taghhom ta' penitenza.

Anke illum irridu naghmlu mezz li niccelebraw flimkien bhala komunità nisranija s-sagrament tal-Mahfra, ezempju it-Tnejn, it-Tlieta jew l-Erbgha tal-Gimgha Mqaddsa.

## Il-Quddiesa tal-Grizma

Wahda mic-celebrazzjonijiet l-aktar solenni u sinifikattivi tal-Gimgha Mqaddsa hija bla dubbju ta' xejn il-Quddiesa hekk imsejha *"tal-Grizma"*, li l-Isqof jikkoncelebra fil-knisja kattedrali flimkien mas-sacerdoti, d-djakni u l-poplu t'Alla. Normalment din il-Quddiesa issir il-Hamis filghodu imma tista' tigi anticipata fil-granet l-ohra ta' qabel.

Din il-quddiesa tissejjah *tal-Grizma* ghax fiha l-Isqof ibierek sollenement iz-zejt tal-Grizma li jintuza fis-sagramenti tal-Grizma u ta' l-Ordni kif ukoll fil-konsagrazzjoni ta' xi knisja gdida jew artal.

Barra miz-zejt tal-Grizma li jigi mhallat b'tahlita ta' fwejjah, jigi mbierek ukoll iz-zejt tal-katekumeni li jigu midluka bih dawk li jkunu sejrin jitghamdu u z-zejt tal-morda.

Il-Riforma liturgika bidlet din il-Quddiesa f'festa tas-sacerdozju. Dakinnhar infatti kull sacerdot iggedded quddiem l-Isqof u l-poplu l-weghdiet li jkun ghamel fl-Ordinazzjoni sacerdotali.

Din il-Quddiesa hija manifestazzjoni mill-isbah li fihom tidher il-Knisja fil-milja kollha taghha, strutturata f'diversi karizmi u ministeri f'ghaqda shiha ma' l-Isqof, il-

raghaj u l-qassis il-kbir tal-merhla.

## Il-Quddiesa "in Coena Domini"

Nhar Hamis ix-Xirka, l-unika quddiesa li kull komunità tista' ticcelebra hija dik ta' filghaxija msejha *in Coena Domini.* Din il-quddiesa solenni taghti bidu ghat-Tridu mqaddes ta' l-Ghid e tfakkar it-twaqqif ta' l-Ewkaristija u tas-Sacerdozju.

Fiha jista' jsir il-hasil tar-riglejn ta' xi whud fost dawk prezenti b'tifkira ta' dak li ghamel Gesù fl-ahhar ikla mad-dixxipli tieghu. Ir-rit tal-hasil tar-riglejn mhuiex xi *pageant* imma sinjal ta' qadi u mhabba li wriena Gesù stess bl-ezempju tieghu biex kif ghamel hu hekk naghmlu ahna ukoll (*cf Gw 13, 12-15).*

Ic-celebrazzjoni tal-quddiesa ghandha ssir f'ambjent liturgiku mill-isbah li jfakkar dik il-kamra kbira bit-tapiti li ried il-Mulej Gesù ghall-ahhar ikla mad-dixxipli tieghu (*cf Mk 14, 15 ; Lk 22, 12*).

Fil-bidu tal-quddiesa il-komunità tilqa' z-zjut mqaddsa, mberkin mill-Isqof fil-quddiesa ta' filghodu, li jigu incensati flimkien ma' l-altar u mqieghda f'post xieraq fil-knisja.

Tkun haga sabieha jekk bhal lum it-tqarbin isir biz-zewg speci jigifieri bil-hobz u l-inbid. Fl-ahhar tal-quddiesa, l-Ewkaristija tigi mehuda b'purcissjoni solenni lejn il-post li jkun thejja apposta ghall-adorazzjoni li tibqa' sejra sa nofs il-lejl meta tintemm t-tikira solenni ta'l-Ewkaristija u tibda' t-tifkira tal-Passjoni u l-Mewt tal-Mulej li trid tidher anke b'sinjali minn barra bhat-tifi tad-dwal tal-knisja u t-tneziegh ta'l-artal li ghandhom isiru wara nofs il-lejl. L-altar mnezza huwa s-sinjal liturgiku tipiku tal-Gimgha l-Kbira li jfakkarna fi Kristu (fil-Knisja l-altar huwa Kristu) li jbati u jmut.

L-adorazzjoni ewkaristika tista' tkompli ukoll wara nofs il-lejl u l-gimgha filghodu imma fis-skiet u minghajr solennità. Ahna drajna nsejhu l-post fejn tigi mizmuma l-Ewkaristija *sepulkru,* kelma li tfisser *qabar,* forsi minhabba l-fatt li fl-Art Imqaddsa l-Ewkaristija tigi mqieghda propju fil-qabar ta' Kristu. Madankollu tajjeb niftakru li l-kelma ezatta hija *altar tar-reposizzjoni* mhejji biex jilqa' fih l-Ewkaristija ghall-adorazzjoni taghna.

## Il-Gimgha l-Kbira

F'dan il-jum il-Knisja ticcelebra l-Passjoni u l-Mewt tal-Mulej. Il-liturgija ma tharisx lejn il-Gimgha l-kbira bhala gurnata ta' luttu u ta' niket imma bhala jum ta'kontemplazzjoni kollha mhabba tas-sagrificcju ta'Kristu.

Fil-Gimgha l-kbira, l-Knisja ma taghmilx funeral lil Kristu mejjet, imma ticcelebra l-mewt rebbieha ta' Kristu. Ghalhekk issejjah il-Passjoni tal-Mulej *mbierka* u *glorjuza* u t-testi tal-liturgija jaghqdu l-umiljazzjoni tal-mewt mal-glorifikazzjoni tal-Qawmien b'sinjali li jghinuna nifmhu li l-Knisja ticcelebra l-Passjoni u l-Mewt tal-Mulej fid-dawl tal-Qawmnien tieghu mill-imwiet.

Il-Qari tar-rakkont tal-Passjoni skond San Gwann jurina lil Kristu Rè, digà rebbieh minn fuq is-salib u l-kulur ahmar flok l-iswed huwa sinjal ta' din ir-regalità ta' Kristu u tar-rebha tieghu bis-salib. L-adorazzjoni tas-Salib glorjuz tal-Mulej hija sinjal iehor ta' rebha, ahna u nharsu lejn dak li nifdu, illi merfugh mill-art jigbed lejh il-bnedmin kollha (*cf Gw 12, 32*).

Nhar il-Gimgha l-Kbira, l-Knisja ma ticcelebrax l-Ewkaristija. Fil-fatt l-Ewkaristija hija l-festa tal-Knisja li ticcelebra l-Ghid kif nistqarru f'kull quddiesa: *inhabbru l-mewt tieghek Mulej, inxandru bil-ferh il-qawmien tieghek, nistennewk sa ma tigi fil-glorja!*

*Sabiex il-hajja ta'Gesù tkun tidher ukoll fil-gisem taghna li jmut* (*cf 2 Kor 4, 11*) u bhala sinjal li wasal iz-zmien li fih l-gharus ikun gie mehud minn maghna (*cf Lk 5, 33-35*); il-Gimgha l-kbira huwa jum ta' sawm. Dan is-sawm huwa msejjah *ta'l-Ghid* ghaliex jghinna nghixu it-*transitus* mill-Passjoni u l-Mewt tal-Mulej ghall-Qawmien u l-Knisja tistiedina ntawluh sal-Vgili solenni ta'l-Ghid.

## Sibt il-Ghid

Anke illum il-Knisja ma ticcelebrax l-Ewkaristija. Il-misteru ta' Kristu fil-qabar jigi mfakkar biss bit-talba tal-liturgia tas-Sighat. Dan il-jum huwa karatterizzat mill-penitenza, espresjoni ta' fidi u ta' tama:

Hekk tifrah qalbi u tithenna ruhi, u gismi wkoll jistrieh fil-kwiet.
Ghax int ma titlaqniex fl-imwiet,

ma thallix il-mahbub tieghek jara l-qabar.

Dawn il-versi mehudin mis-salm 15 li jigi kantat fl-Ufficcju tal-Qari jesprimu l-atteggjament tal-Knisja li taghmel taghha t-talba profetika applikata ghal Kristu fl-istennija tal-qawmien tieghu mill-imwiet.

Il-Knisja tghix din l-istennija flimkien ma' Marija, dik li emmnet u li meta kienet wieqfa taht is-salib, qatt ma waqfet tittama li l-weghdiet ta' Alla kienu se jsehhu. Dan jaghmel minn sibt il-Ghid, il-jum tal-Madonna, bhas-sibtijiet l-ohra li fihom il-liturgija tal-Knisja tfakkar lil Marija qabel jibda' jum il-Mulej.

## L-Ghid tal-Mulej

Wara gurnata shiha ta' stennija, kemm il-darba mghijxa b'mod awtentiku, wiehed jasal jifhem ahjar il valur tas-sahra fil-lejl ta' l-Ghid li rridu nghidu mill-ewwel li mhiex xi velja ta' preparazzjoni ghall-Ghid imma l-istess Ghid celebrat fis-sahra. Infatti f'din il-velja, l -Knisja tibqa' mqajjma tistenna l-qawmien mill-imwiet tal-Mulej. Madankollu l-Knisja ma ticcelebrax dan il-lejl tistenna l-qawmien mill-mewt ta' Gesù bhalikieku qatt ma rxoxta, il-liturgija tghinna nghixu fit-tama, il-migja tal-Mulej fil-glorja fl-ahhar taz-zminijet meta l-Ghid fis-sens ta'mghodija jilhaq il-qofol tieghu u anke il-gisem taghna jiehu s-sura tal-gisem glorjuz ta' Kristu.

Dan il-lejl qaddis huwa l-quccatta u l-ghajn ta' kull liturgia u mod uniku li jghinna nifmhu sewwa l-istruttura liturgika ta' kif ghandhom ikunu l-knejjes taghna. Irridu nharsu lejn il-liturgija solenni tal-lejl qaddis ta' l-Ghid bhala celebrazzjoni shiha li ticcelebra l-Misteru tal-qawmien tal-Mulej permezz tat-thabbira tal-Kelma li tiehu l-hajja fis-sagramenti tal-Maghmudija u ta' l-Ewkaristija.

Fil-fatt il-Vgili solenni ta'l-Ghid jibda' bil-liturgija tad-dawl u t-thabbira ta' l-Ghid, u jkompli bil-liturgija tal-Maghmudija u l-liturgia Ewkaristika. Wara t-thabbira solenni ta' l-Ghid bil-kant ta' l-Exultet, il-Knisja timmedita, permezz tal-qari tal-Kelma t'Alla, l-ghemejjel kbar li ghamel il-Mulej mill-holqien tad-dinja sal-qawmien ta' Gesù mill-imwiet.

It-thabbira tal-Kelma t'Alla hija dejjem thabbira tal-misteru ta' l-Ghid. F'kull silta li tinqara mill-Kotba mqaddsa, jixxandar Kristu u l-misteru ta' l-Ghid tieghu. Ghalhekk l-ambone, aktar milli semplici post, irid ikun sinjal sieket, imma li jidher tat-thabbira ta' l-Ghid. Kristu wara li qam mill-mewt u deher lill-Appostli tieghu u fakkarhom illi kien mehtieg isehh kull ma kien inkiteb fuqu fil-Ligi ta' Mosè, fil-Profeti u s-Salmi li l-Messija kellu jbati u fit-tielet jum iqum mill-imwiet u lill-gnus kollha tixxandar f'ismu l-indiema ghall-mahfra tad-dnubiet. (Lq 24, 46-47).

L-ambone mela huwa monumentum resurectionis, monument tal-qawmien ta' Kristu mill-imwiet, sinjal tal-qabar vojt li sabu n-nisa twajba tal-Vangelu kmieni mas-sebh ta' l-ewwel jum tal-gimgha. Fil-pjanti u l-fjuri li jzejnu l-ambone, nilmhu l-gnien fejn kien hemm il-qabar ta' Kristu u l-legiju forma ta' ajkla jfakkarna f'San Gwann l-evangelista, dak li gera lejn il-qabar, ra l-faxex ta' l-ghazel imqieghda hemm u emmen li Kristu kien tassew qam mill-imwiet.

Il-hajja titwieled mill-gdid mill-qabar vojt ta' Kristu, d-dawl tad-dinja, dak id-dawl li johrog mid-dlam u li fis-sahra tal-lejl imqaddes ta' l-Ghid, il-Knisja mxerrda mad-dinja kollha ticcelebra b'dik l-ghajta ta' ferh: lumen Christi; d-dawl ta' Kristu. Il-blandun hu simbolu ta' Kristu Rxoxt u x-xemgha li jinxtghelu minnu, huma sinjal tal-hajja gdida taghna fi Kristu li jdawwal id-dinja.

Hdejn l-ambone jitqieghed il-blandun, fil-gholi, ghax kif jistqarr Gesù stess fil-Vangelu: hadd ma jixghel musbieh u jghattih b'ghatu jew iqieghdu taht is-sodda, imma fuq l-imnara, biex kull min jidhol gewwa jara d-dawl. (Lq 8, 16).

Fid-dawl ta' din ix-xemgha ahna nilmhu lil Kristu li qal: Jiena d-dawl tad-dinja, min jigi warajja ma jimxix fid-dlam, izda jkollu d-dawl tal-hajja. (Gw 8, 12). Bhalma l-poplu lhudi mexa wara l-kolonna tan-nar, hekk issa ahna nimxu wara Kristu, t-Triq, il-Verità u l-Hajja taghna.

It-tielet parti tac-celebrazzjoni tal-Vgili solenni ta'l-Ghid hija l-liturgija tal-Maghmudija. Infatti dan huwa l-lejl tat-twelid mill-gdid taghna fi Kristu u kemm il-darba ma jkunx hemm min jitghammed, ilkoll kemm ahna ngeddu il-weghdiet tal-Maghmudija u nroxxu fuqna l-ilma imbierek b'tifkira. Ir-Randan kollu huwa preparazzjoni ghal dan il-waqt importanti, li jhalli fina l-frott, kemm il-darba nifmhu l-importanza tal-Maghmudija li dahlitna fil-misteru tal-mewt u l-qawmien tal-Mulej.

*ikompli paġna 8*

## Cardinal Sandri Sends Letter Leading Up to Good Friday Collection

# World's Bishops Hear Appeal for Holy Land



Supporting Christians residing in the Holy Land is a priority for all Catholics, says the prefect of the Congregation for Eastern Churches.

In a letter sent to all the bishops of the world and released today in five languages, including English, Cardinal Leonardo Sandri appealed to the generosity of Christians to support the Holy Land. An annual collection for the Holy Land is taken up on Good Friday.

The cardinal began his letter recalling the attention Benedict XVI has given to the plight of the Middle East on three recent occasions.

"In the name of the Holy Father, I wish to take this opportunity to address myself for the first time to my brothers in the episcopate who serve your respective Churches," Cardinal Sandri said, thus noting that he is new to the Vatican congregation. He was appointed its prefect last June.

"I also desire to emphasize," he continued, "as has the Pontiff, the invitation to you to continue to sustain spiritually and materially those Catholics living in the Holy Land. Pope Benedict's are words which constitute a persuasive and authoritative call to solidarity."

Cardinal Sandri lamented how the absence of peace in the Middle East "exacerbates the many long-standing problems as well as the poverty afflicting the region of the Holy Places. That absence also contributes to the creation of new difficulties. Thus, we must recognize that Christians who reside there are a priority for the attention of the entire Catholic Church, together with that of all other Churches and ecclesial communities. For even in their need, they embody the 'living charism of Christianity's origins.'"

He continued: "The Good Friday Collection has a special relevance. Successive Pontiffs have indicated the appropriateness of this day to attest to our common heritage of that land which, in the course of history, abides as a 'silent witness to the Savior's life upon earth,' to cite an expression preferred by Pope Benedict.

"It is my fervent plea that every local Church shall participate in the effort to further our commitment to charity. The Congregation for Eastern Churches, by virtue of papal directive, coordinates this initiative, and does so with exactitude and fairness. Always, the goal is to assist with the everyday requirements of Christian life."

### Use of funds

Cardinal Sandri explained how the collection supports the patriarch of Jerusalem, the Franciscans who are

custodians of the Holy Land, and all those belonging to the Eastern Catholic Churches.

He affirmed that the distribution of the funds is not based upon "religious, cultural or political distinctions."

"Rather," the cardinal said, "it seeks especially to equip the younger generations to take their place in society in a manner which renders them competent and able to transmit the worth of their Catholic education and formation."

The cardinal thanked local Churches that encourage pilgrimages, and assured the bishops of "the deepest gratitude of the Holy Father for your support of this cause which is of such vital importance for the Church and for humanity. I extend thanks also on behalf of this dicastery and of all the Latin and Eastern communities of the Holy Land."

## Goals reached

With the letter, the cardinal included an explanation of the use of the funds from the collection, as well as a report from the Franciscan custody of the Holy Land.

The statement explained that the Congregation for Eastern Churches receives from the apostolic nunciatures a part of the collection for the Holy Land. According to a percentage established by pontifical norms, ordinary and extraordinary subsidies are distributed to ecclesiastical districts, religious orders, and other ecclesiastical juridic persons in the following countries: Lebanon, Syria, Iraq, Jordan, Egypt and, in particular, Israel and Palestinian regions.

Special attention is given to scholastic institutions, such as Catholic schools of various levels and Bethlehem University.

Additionally, financial aid is set aside for the Central Office for Foreign Students in Italy, with the goal of helping lay students, along with providing contributions to priests from those same countries who are enrolled in pontifical universities.

During 2007 the sum of $500,000 was allotted for the construction of 10 apartments at Bethlehem University, as well as another $500,000 for the reconstruction of a Melkite-operated school at Maghar.

The statement affirmed that "great care is taken to ensure that funds are distributed according to the purposes determined by the Holy See. There is serious attention to this economic role."



# Natural Law

**Sebastian Camilleri, OFM**

Of recent years the defying criticism of natural law and whether it deserves serious attention in human relations has become a free passtime, The ten commandments are so compeling to the rights of personhood in the scenario of civilazation and of eternal salvation that they are absolutes in life.

We are credited to live in an enlighted era of history and still we seem to fail to realise that by denying natural law, secularism is underming the very foundation of democratic society and causing a crisis for civilasation and religion.

All people of good will, with or without faith, must reclaim a common moral tradition and an ethical code of social justice. Knowing about and believing in the tenents of faith is not good enough but fulfilling the christian and social obligations that counts. Selfishness, ambition and greed play havoc in the pursiut of personal and common good.

The natural law makes it clear that the ethical content of faith is not imposed from outside man's conscience but it is a norm with its basis in human nature itself (cf. Cicero); it is there, to protect all creatures, irrispective of age, colour or creed; it is accessible to all rational creatures and must therefore form the basis for dialogue in civil society for reaching a consensus on fundamental moral questions, particularly for the right to live for the unborn and the aged. "We are all humans by nature and not by function. We are human from conception and not from birth. We are all human until our death and this does not change if we are unable to function... This is the truth of global abortion trade that turns over countless millions of blood dollars in profits annually." Paul Vincenti, Mosta, The Times, Wednesday, February 20, 2006, p.11.

Without the shared recognition of natural law ther is no means of resolving public debates other than by a contest of political strenghts. Then the process of legislation becomes, not a search for truth and the good, but the search for the balance of power - might is right.

Ethical relativisim is based on the mistaken notion that relativisim guarantees tolerance and mutual respect. Certainly we must not tolerate people in their mistakes to some extent, but not where self-destructive ideas and behaviour are involved, such as the gay rights agenda, pro-choice women lib. etc.

We must restore full appreciation for the natural moral law in conformity with right reason and conscience.

# ACTA

*Ordinis Fratrum Minorum*

FASCICULUS

An CXXVI

SEPTEMBRIS -DECEMBRIS 2007 FASC. 3

598 - 599

**Fr. Joseph Benedictus Xuereb**

Gharghur, Malta, 01.07.1935
Birkirkara, Malta, 11.10.2007

Morte fratris Joseph Benedicti, quae die 11 octobris 2007 in "Christus Sacerdos Home" Fleur-de-Lys, Birkirkara in Insula Melita, occurrit, non solum provincia religiosa trumMinorum, verum etiam ecclesia localis fratre authentice franciscano, sacerdote exemplari ac viro integro orbatae sunt.....

**FR. IVO TONNA**

# informazzjoni

## Laqgħa ma' Mons. Arċisqof

Nhar it-Tnejn, 3 ta' Marzu, il-Viżitatur Ġenerali Austin McCormak, OFM għamel żjara lil Mons. Pawlu Cremona, O.P. fil-Kurja ta' l-Arċisqof il-Floriana.

Għal din il-żjara huwa kien akkumpanjat minn Norbert Ellul Vincenti, OFM.



Riċentement il-Visitatur Ġenerali żar liż-żewġ fraternitajiet li hemm il-Libja, jiġifieri kemm il-komunita' ta' Benghazi u anke dik ta' Tripli. Huwa seta' jisma' u jara b'għajnejh il-ħidma pastorali tal-patrijiet qed iwettqu mal-ħaddiema barranin li qed jaħdmu fil-Libja u anke l-impenn sħiħ ta' diversi kongregazzjonijiet reliġjużi f'ħidmiet soċjali li qed iwettqu mal-poplu tal-Libja.



**Kapitlu Provinċjali**

**12 - 16 ta' Mejju**

**Porziuncola**

**Retreat House**

**Baħar iċ-Ċagħaq**

## Eżerċizzi Spiritwali minn Mons. Ġużeppi Mercieca

Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof Emeritus għamel l-eżerċizzi spiritwali fil-knisja tagħna tal-Ħamrun. Din kienet l-ewwel darba li huwa għamel l-eżerċizzi spiritwali. Imbagħad il-Ħamis, 6 ta' Marzu huwa kiel ma' l-aħwa tal-komunita'. Kien hemm preżenti wkoll il-Ministru Provinċjal Paul Galea, OFM kif ukoll is-Segretarju privat tiegħu, Fr. Etienne. Mons Arċisqof wera l-apprezzament tiegħu għall-akkoljenza li huwa ngħata mill-aħwa.

***ikompli minn paġna 4***

jilhaq il-qofol tieghu fil-liturgija Ewkaristika: Tifkira tas-sagrificju tas-Salib u Presenża ta' Kristu Rxoxt, li ggib fit-tmiem id-dhul fil-hajja nisranija li ghandu l-bidu tieghu fil-sagramenti tal-Maghmudija u l-Grizma. Din l-Ewkaristija tinawgura il-50 jum ta' l-Ghid, li matulhom, bhallikieku kienu jum wiehed, il-Knisja trodd hajr bla ma tieqaf, lill-Misser flimkien ma' l-Iben ghad-don ta' l-Ispirtu s-Santu. AMEN.

# Erba' reliġjużi franġiskani jiċċelebraw

# 60 sena presbiteri



Nhar il-Ħadd, 2 ta' Marzu Guido Schembri, OFM u Arthur Azzopardi, OFM, kif ukoll żewġ franġiskani Donat Spiteri, OFMCap u Bonaventura Farrugia OFMCap, fakkru s-60 sena mill-ordinazzjoni saċerdotali. Diversi patrijiet ħadu sehem għall-Ewkaristija, b'radd il-ħajr lil 'l Alla għad-don tas-saċerdozju ministerjali, fosthom anke l-Visitatur Ġenerali.

Fl-omelija, il-Ministru Provinċjal Paul Galea, qal: "Il-Kelma tallum tippreżentalna lil Kristu bħala d-dawl għal ħajja tal-bniedem. Fl-istorja tas-salvazzjoni il-qawwa t'Alla u l-qawwa tax-xitan dejjem huma rappreżentati mid-dawl u d-dlam rispettivament. Hekk Kristu jiddikjara lilu n-nifsu bħala d-dawl tad-dinja li jkeċċi d-dlamijiet tal-qawwa tal-ħażen. Hekk permezz tal-misteru tas-salvazzjoni Kristu bħal dawl, idawwal id-dlamijiet tal-ħajja li l-bniedem ikollu jħabbat wiċċu magħhom minħabba d-dnub.

Biex dan id-dawl tas-salvazzjoni jasal lill-bnedmin kollha

*ikompli f'paġna 11*





# Ferah Kristu fil-ħabs




Nhar il-Hadd, 9 ta' Dicembru, 2007, ktibna pagna sabiha fil-ktieb ta' l-istorja tad-Djocesi ta' Olancho fil-Honduras, familja ta' nofs miljun ruh.

Wara 22 xahar ta' xoghol iebes, fieri, tlielaq tazzwiemel u kull xorta ta' gbir u sagrificcji, il-Habs Statali ta' Olancho, bi spazju ghal 800 ruh, kien ser jigi inawgurat mill-President tal-Honduras, Manuel Zelaya, u mbierek mill-Isqof Mauro Mieldoon ofm.

Meta bdejna x-xoghol, kwazi sentejn ilu, ftit stajna noholmu x'kien qed jistenniena. Dak in-nhar kellna f'idejna ftit aktar minn elf dollaru. Fit-triq maghna, mexa San Frangisk, il-benefatturi Maltin u l-Providenza t'Alla. Meta spiccajna konna nfaqna kwazi miljun dollaru.

Gieli hdimna f'xemx tizreg fuq daharna. Drabi ohra messna nahdmu fix-xita u bit-tajn sa rkuptejna. Izda qatt ma qtajna qalbna u naqra naqra, il-holma bdiet issir realta`.

L-ewwel bnejna c-celel normali. Wara tellajna c-celel tal -Maxima Securita`. Imbaghad 25 cella ghal l-ikkastigati. U fl-ahhar 50 cella separati ghan-nisa. Wara, naqra naqra bnejna l-kcina u kamra ta' l-ikel kbira mmens. Workshops ghall-welding, mastrudaxxa, hjata u weaving. Sptar zghir ghal 120 ruh, skola, kappella, librerija, ghaxart ikmamar ghal l-amminastrazzjoni, u fejn jorqdu 40 suldat. U fl-ahhar hsibna wkoll ghall-baskitbol u l-futbol. Madwar il-habs iddubajna wkoll bicca art kbira ghall-agrikultura. Ghalkemm ghaddejna zminijiet iebsin hafna, ix-xoghol QATT ma waqaf u San Frangisk dejjem sema t-talb taghna!

Il-Hadd, 9 ta' Dicembru, 2007, sebah bix-xita. Izda ghal xi t-tmienja harget ix-xemx. Grupp ta' nisa tal-Parrocca zejnu l-post ghall-okkazjoni. L-ewwel wasal l-Isqof Mauro, imbaghad il-landja bil-helikopter, il-President tal-Honduras, Manuel Zelaya, flimkien ma martu u ommu. Wara waslu bil-karozza xi hames Ministri tal-Gvern. Minn Olancho kollu bdew jaslu nies bil-karozza, bir-rota, bil-mixi u anke biz-ziemel. L-ewwel kantajna l-Innu Nazzjonali tal-Honduras li rbombja malmuntanji kollha ta' madwarna. Kien hemm kliem ta' ringrazzjament lil kull min ghen fil-progett. Il-President fahhar ix-xoghol ta' komunita' shiha li mhux biss tara problema izda wkoll tipprova ssib soluzzjoni.

L-Isqof bierek il-bini kollu. Izda dak li laqat il-qalb ta' dawk kollha li konna hemm kienu l-kliem ta' wiehed mill-habsin meta qal: "Nahseb li llum qed niktbu storja gdida fil-kotba tal-habsijiet maddinja kollha. Ma nahsibx li hija haga komuni li l-Knisja Kattolika tibni habs. Izda li kieku ma kienx ghall-Frangiskani ta' Olancho, kieku 427 ragel konna nkomplu nghixu bhal hniezer ghal hafna snin ohra. F'ismi u f'isem shabi, *gracias* lil San Frangisk u lil uliedu ta' dak li ghamlu maghna!" Jien li kont hdejn il-President, rajt demgha shuna niezla ma haddejh. U f'daqqa wahda xi elfejn ruh infexxu f'capcipa ta' ferh.

Minn Olancho, nixtieq nirringrazzja lilkom il-Maltin, benefatturi taghna. Minghajrkom, il-Habs Statali ta' Olancho qatt ma kien seta` jinbena. Nitolbu ghalikom specjalment kull nhar ta' Sibt meta mmur inqaddes il-habs il-gdid.

# Pellegrinaġġ mas-Seminarju ta' Għawdex

Wara l-esperjenza posittiva ta' l-ewwel pellegrinaġġ li kien sar fis-sena 2005, ir-Rettur tas-seminarju din is-sena rega talabni biex norganizzaw pellegrinaġġ ieħor. Mal-ħmistax il-seminarist ġew ukoll dawk li jmexxu s-seminarju, xi professuri u l-isqof Mons. Mario Grech. Kienet esperjenza sabiħa u posittiva; iżda kull pellegrinaġġ jkollu *High lights* tiegħu. Bla dubbju l-aktar li spikka kienu il-mumenti ta' talb, li kien uppreparati sew mis-seminaristi, ir-Rettur u l-viċi Rettur. Dawn setgħu jkunu qawwija għax minn qabel il-pellegrinġġ kien hemm preparazzjoni permezz tat-talb. Morna f' mument opportun it-tieni Ħadd tar-Randan; fejn is-sibt wara nofs in-nhar ħadna sehem fil-purċissjoni solenni li ssir fil-bażilika tal-Qabar ta' Kristu; kif ukoll assistejna għal l-Uffiċċju tal-Qari li ssir f'nofs il-lejl ta' bejn is-Sibt u l-Ħadd. Kulħadd baqa' kuntent għal mod solenni u dinjituż li bih isiru l-funzzjonijiet fil-Qabar ta' Kristu. Kienet ħaġa ovvja li lil Isqof Mario Grech jagħtuh preminenza u fil-purċissjoni assista ma' isqof awżiljarju tal-post. Laqgħa differenti li soltu ma nagħmlux fil-pellegrinaġġi tagħna hija mal-Viċi Kustodju Fra Artemio Vitores, OFM; kienet positiva għax segħtu japprezzaw ix-xogħol li twettaq il-Kustodja f'kull qasam; dawn huma il-kappillani u arċiprieti ta' għada. Fil-parti il-kbira tiegħu żorna l-postijiet li nżuru s-soltu barra xi santwarji oħra li żorna bħal ma hu il-monasteru tal-Kwarantena li jfakkar it-tentazjonijiet ta' Ġesu' fid-deżert kif ukoll is-santwarju ta' San Ġwann Battista fid-deżert. Dak li jagħmel dan il-pellegrinaġġ speċjali barra li għax konna kważi kollha saċerdoti, reliġjużi, jew aspiranti għas-saċerdozju (barra tabib missier ta' familja), hija fuq kollox l-enerġija ta' dawn iz-zgħazagħ li imlew bil-ħajja dan il-pellegrinaġġ. Ix-xewqa hija li l-pellegrinaġġ fl-Art Imqaddsa jidħol bħala parti mil-*curriculum* ta' l-istudju fis-seminarju ta' Għawdex.

*ikompli minn paġna 9*

sa l-aħħar taż-żminijiet, Kristu nnifsu waqqaf il-Knisja tiegħu bħala s-sagrament tas-salvazzjoni u għaniha bis-saċerdozju. Hekk is-saċerdot fi ħdan il-Knisja, hu msejjaħ u kkonsagrat biż-żjut mqaddsa biex ikun strument tad-dawl ta' Kristu fid-dlamijiet tad-dinja ta' madwaru.

Ghalhekk fl-okkazjoni ta' għeluq is-60 sena mill-ordninazjoni saċerdotali ta' dawn ħutna, verament għandna għax nirringrazzjaw u nfaħħru 'l Alla, għax Alla biss jaf kemm dawn ħutna dawlu tant dlamijiet tal-ħajja. Iżda tajjeb li niftakru li dawn ħutna mhux biss huma saċerdoti, iżda fuq kollox huma reliġjużi franġiskani. Hekk bis-sejħa franġiskana huma komplew isaħħu is-sejħa tagħhom li jkunu ta' dawl għad-dinja. Bl-ubbidjenza huma jagħtu xhieda ta' l-umilta' fil-ħajja tal-bniedem. Bil-kastita', huma stedina kontinwa għall-ħajja ta rażan u sagrifiċċju. Bil-vot tal-faqar huma twissija kontinwa quddiem l-idejat materjalisti u konsumisti tal-ħajja.

